

# Il-Familja

Marija Grima

Kemm hu mbierek dak ir-raġel
Li lil martu jħobb bis-sħiħ,
Kemm hi mbierka dik il-mara
Li lil żewġa qalbha ttih!

Għax fiż-żwieġ b'wegħda solenni
Sejħu 'l Alla biex ikun,
Ix-xhud tagħhom biex f'ħajjithom
Jibqa' magħhom ta' kuljum.

U flimkien ġo darhom jgħixu
Fl-imħabba, fl-armonija,
Magħqudin it-tnejn ma' Kristu
Fil-ferħ u fit-tbatija!

O x'teżor Alla l-imbierek
Jogħġbu jagħti 'l miżżewġin,
Xħin bil-qawwa tal-imħabba
Bl-ulied jiġu mberkin.

Wisq sabiħ iż-żwieġ nisrani
Kbira r-responsabbiltà,
B'wisq akbar, bil-wisq isbaħ
L-imħabba u l-fedeltà!

Żgur sħiħa tibqa' l-familja
Meta tinġabar fit-talb,
Għaliex Kristu biss jaf jagħti
L-għożża u l-ferħ tal-qalb!

Hienja hi dik il-familja
Li 'l Alla mill-qalb tagħtih,
L-ewwel post fil-ħajja tagħha
B'ċentru tagħha hi tpoġġih!

Fl-imħabba jkabbru 'l uliedhom
W huma jikbru t-tnejn fis-snin,
Jekk tamiethom tkun fi Kristu
Sal-aħħar jibqgħu magħqudin!

MAYPOLE
since 1900
*Nothing says homemade like Maypole*
Main Street, MELLIEĦA
tel: 22 581 5471 | mob: 79 595 195 | www.maypole.com.mt